**45. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Alfred Sant ippropona:-**

Din il-Kamra tar-Rappreżentanti

Wara li qieset il-każ ta' Ksur ta' Privileġġ imqajjem nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru, 1992 mill-Kap tal-Oppożizzjoni kontra l-Onor Ministru tal-Finanzi John Dalli dwar l-istqarrijiet li l-Onor Dalli għamel it-Tlieta, 6 ta' Ottubru 1992 quddiem il-Kamra, fejn l-Onor Dalli sostna li intervista mogħtija lil ġurnal ta' kuljum minn uffiċjal għoli tal-Ministeru tiegħu, saret mingħajr ma kienet magħrufa jew awtorizzata mill-Ministeru tiegħu jew minnu, u liema stqarrijiet kienu miċħuda kategorikament b'mod pubbliku mill-editur tal-ġurnal imsemmi;

Wara li qieset ir-Ruling mogħti minn Mr Speaker nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru 1992 dwar il-każ ta' Ksur ta' Privileġġ imqajjem mill-Kap tal-Oppożizzjoni;

Tirrijafferma d-dmir li għandhom il-Membri Parlamentari kollha li la jigdbu u lanqas xjentement jiżvijjaw lill-Kamra bl-istqarrijiet tagħhom u għalhekk,

Tistqarr li ma għandhiex fiduċja fil-Ministru l-Onor John Dalli.

12.10.1992

**Il-Prim Ministru, l-Onor. Eddie Fenech Adami, ressaq din l-Emenda:**

1.Ħassar iż-żewġ paragrafi li jibdew bil-kliem "Wara li qieset" kif ukoll l- aħħar sentenza tal-mozzjoni, u fil-paragrafu li jibda' bil-kliem "tirriafferma d-dmir" wara l-kliem "u għalhekk" żid il-kliem li ġej: "Wara li semgħet id-dikjarazzjoni magħmula llum mill-Onor. John Dalli Ministru tal- Finanzi, tikkonferma l- fiduċja sħiħa tagħha fih.

19.10.1992

**L-Emenda għaddiet fis-Seduta 58 tad-19 ta' Ottubru 1992.**

**Il-Mozzjoni kif emendata, għaddiet, fis-Seduta 58 tad-19 ta' Ottubru 1992.**